



Kunsill Ewropew

Brussell, 20 ta' Marzu 2025
(OR. en)

EUCO 1/25

CO EUR 1
CONCL 1

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (20 ta' Marzu 2025) – Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

Il-Kunsill Ewropew kellu skambju ta' fehmiet mas-Segretarju Ġenerali tan-NU António Guterres dwar is-sitwazzjoni ġeopolitika u l-multilateraliżmu.

*

* *

I. UKRAJNA

1. Il-Kunsill Ewropew kellu skambju ta' fehmiet ma' Volodymyr Zelenskyy, il-President tal-Ukrajna.
2. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta l-aħħar żviluppi fir-rigward tal-Ukrajna. It-test li jinsab fid-dokument EUCO 11/25 ġie appoġġat bis-sħiħ minn 26 Kap ta' Stat jew ta' Gvern.
3. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni fil-laqgħa tiegħu li jmiss.

II. LVANT NOFSANI

4. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet preċedenti tiegħu, il-Kunsill Ewropew indirizza s-sitwazzjoni u l-aħħar żviluppi fil-Lvant Nofsani.
5. Il-Kunsill Ewropew jiddeplora l-falliment tal-waqfien mill-ġlied f'Gaza, li kkawża għadd kbir ta' vittmi ċivili f'attakki reċenti mill-ajru. Huwa jiddeplora r-rifjut tal-Hamas li jgħaddi lura l-ostaġġi li fadal. Il-Kunsill Ewropew jappella għal ritorn immedjat għall-implimentazzjoni sħiħa tal-ftehim ta' waqfien mill-ġlied u l-ħelsien tal-ostaġġi. Huwa jisħaq fuq il-ħtieġa li jsir progress lejn it-tieni fażi tiegħu, bil-ħsieb tal-implimentazzjoni sħiħa tiegħu li twassal għall-ħelsien tal-ostaġġi kollha u t-tmiem permanenti tal-ostilitajiet. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fl-importanza tad-dħul mhux imxekkel u d-distribuzzjoni mingħajr interruzzjoni tal-assistenza umanitarja fuq skala kbira f'Gaza kollha. Dan l-aċċess u din id-distribuzzjoni, kif ukoll il-provvista tal-elettriku lil Gaza, inkluż għall-impjanti tad-desalinizzazzjoni tal-ilma, iridu jissoktaw mill-ġdid minnufih.

6. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-Pjan Għarbi ta' Rkupru u Rikostruzzjoni approvat fis-Summit tal-Kajr fl-4 ta' Marzu 2025. L-Unjoni Ewropea tinsab lesta li tinvolvi ruħha mas-sħab Għarab tagħha, kif ukoll mas-sħab internazzjonali l-oħra, fuq dik il-bażi.
7. L-Unjoni Ewropea tibqa' impenjata bis-sħiħ għal paċi dejjiema u sostenibbli bbażata fuq is-soluzzjoni ta' żewġ stati. L-Unjoni Ewropea hija lesta li tikkontribwixxi għall-isforzi kollha għal din is-soluzzjoni u tappella lill-partijiet kollha joqogħdu lura minn azzjonijiet li jdgħajfu l-vijabbiltà tagħha. Hija ser tkompli taħdem mas-sħab reġjonali u internazzjonali għal dak l-għan. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tappoġġa lill-Awtorità Palestinjana u lill-aġenda ta' riforma tagħha.
8. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa l-vjolenza mifruxa reċenti kontra ċ-ċivili fir-reġjun kostali tas-Sirja u jhegġegħ lill-awtoritajiet tranżizzjonali biex jiżguraw il-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili kollha u li l-awturi tal-vjolenza jinżammu responsabbli f'konformità man-normi u l-istandards internazzjonali. Il-Kunsill Ewropew jinnota li, b'mod partikolari, ġustizzja tranżizzjonali komprensiva hija essenzjali fit-triq lejn ir-rikonċiljazzjoni.
9. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza ta' tranżizzjoni paċifika u inklużiva fis-Sirja, ħielsa minn interferenza barranija dannuża, u tal-protezzjoni tad-drittijiet tas-Sirjani minn kull sfond etniku u reliġjuż mingħajr diskriminazzjoni. L-indipendenza, is-sovranià u l-integrità territorjali tas-Sirja fi ħdan fruntieri siguri għandhom jiġu rispettati bis-sħiħ, f'konformità mad-dritt internazzjonali. Huwa jilqa' l-ftehim li ntlaħaq fl-10 ta' Marzu 2025 bejn l-awtoritajiet tranżizzjonali u l-Forzi Demokratiċi Sirjani. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fis-sospensjoni reċenti tal-miżuri restrittivi mill-UE bħala parti minn approċċ gradwali u reversibbli. L-Unjoni Ewropea ser tkompli teżamina aktar sospensjonijiet possibbli ta' miżuri restrittivi abbażi ta' monitoraġġ mill-qrib tas-sitwazzjoni fis-Sirja. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-eżitu tad-disa' Konferenza dwar is-Sirja "Nappoġġaw lis-Sirja: nissodisfaw il-ħtiġijiet għal tranżizzjoni li tirnexxi" tas-17 ta' Marzu 2025.

10. Il-Kunsill Ewropew jilqa' t-tmiem tal-impass politiku fil-Libanu u jesprimi l-prontezza tal-Unjoni Ewropea li taħdem mal-awtoritajiet il-ġodda biex tiġi stabbilizzata s-sitwazzjoni ekonomika u ta' sigurtà fil-pajjiż. Il-Kunsill Ewropew itenni l-appell tiegħu lill-partijiet biex jimplimentaw it-termini tal-ftehim ta' waqfien mill-ġlied tas-27 ta' Novembru 2024 u għall-implimentazzjoni tar-Risoluzzjoni 1701 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU.

III. KOMPETITTIVITÀ

11. Unjoni aktar kompetittiva tkun Unjoni aktar b'saħħha, li tkun aktar kapaċi ttiproteġi liċ-ċittadini tagħha, il-valuri tagħha u l-interessi tagħha fix-xena dinjija filwaqt li ssostni l-prosperità tagħha u l-mudell soċjali Ewropew. Il-ħtieġa li ninvestu fid-difiża tagħna u l-kompetittività tagħna huma interkonnessi mill-qrib. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-ħtieġa urġenti li tissaħħaħ il-kompetittività tal-Ewropa, abbażi tad-Dikjarazzjoni ta' Budapest dwar il-Patt Ġdid dwar il-Kompetittività Ewropea u l-konklużjonijiet tiegħu tas-6 ta' Marzu 2025 dwar id-difiża Ewropea. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew jilqa' b'mod partikolari l-preżentazzjoni tal-Boxxla għall-Kompetittività tad-29 ta' Jannar 2025, il-Patt għal Industrija Nadifa tas-26 ta' Frar 2025 u l-aġenda Omnibus dwar is-simplifikazzjoni.
12. Għaldaqstant l-2025 għandha tara bidla fil-pass tal-azzjoni tal-UE biex tagħti spinta lill-kompetittività, issaħħaħ is-Suq Uniku, tippromwovi impjiegi ta' kwalità u tiżgura t-tranżizzjoni doppja b'suċċess, f'konformità mal-oġġettivi klimatiċi maqbula. Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, u jingħata kontribut biex jingħalaq id-distakk fl-innovazzjoni u l-produttività mal-kompetituri dinjija tal-UE u ġewwa l-UE, il-Kunsill Ewropew jaqbel li tingħata prijorità lis-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piżijiet regolatorji u amministrattivi, it-tnaqqis tal-prezzijiet tal-enerġija u l-mobilizzazzjoni tat-tfaddil privat biex jiġi sfruttat l-investment meħtieġ fl-ekonomija tal-UE.

Simplifikazzjoni u tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi

13. B'segwitu għall-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Frar 2025 dwar l-implimentazzjoni u s-simplifikazzjoni, il-Kunsill Ewropew jappella għal sforzi fil-livelli kollha – UE, nazzjonali u reġjonali – biex jiġi żgurat qafas regolatorju ċar, sempliċi, intelliġenti u favorevoli għall-innovazzjoni u biex jitnaqqsu drastikament, b'urġenza, il-piżijiet amministrattivi, regolatorji u ta' rappurtar għan-negozji u l-amministrazzjonijiet pubbliċi, mingħajr ma jiġu mminati l-prevedibbiltà, l-għanijiet tal-politika, l-istandards għoljin u l-integrità tas-Suq Uniku. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew:
- a) jistieden lill-Kummissjoni u lill-koleġiżlaturi biex jaħdmu sabiex tintlaħaq il-mira li l-ispiża tal-piżijiet amministrattivi kollha tonqos b'mill-inqas 25 %, u b'mill-inqas 35 % għall-SMEs;
 - b) jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli tirrieżamina u tittestja r-reżiljenza tal-acquis tal-UE biex tidentifika modi kif tissimplifika u tikkonsolida aktar il-leġislazzjoni attwali;
 - c) ihegġegħ lill-koleġiżlaturi biex javvanzaw il-ħidma fuq il-pakketti Omnibus dwar is-simplifikazzjoni ppreżentati fis-26 ta' Frar 2025 bħala kwistjoni ta' prijetà u b'livell għoli ta' ambizzjoni, bil-ħsieb li jiffinalizzawhom malajr kemm jista' jkun fl-2025;
 - d) jistieden lill-koleġiżlaturi biex mingħajr dewmien jadottaw il-proposta dwar il-mekkaniżmu ta' posponiment għar-rappurtar u d-diliġenza dovuta dwar is-sostenibbiltà, u dan sa mhux aktar tard minn Ġunju 2025;
 - e) jistieden lill-Kummissjoni biex issegwi malajr b'aktar inizzjattivi ta' simplifikazzjoni, inkluż dwar id-dekarbonizzazzjoni industrijali u dwar is-sigurtà u d-difiża; u
 - f) ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-koleġiżlaturi biex iħarsu prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar matul il-proċess leġislattiv kollu, u b'dan jevitaw ir-regolamentazzjoni żejda u l-introduzzjoni ta' piżijiet amministrattivi, b'mod partikolari fuq l-SMEs.

Enerġija

14. Filwaqt li jfakkar fl-impenn tiegħu li sal-2050 jinkiseb l-objettiv doppju tas-sovranità enerġetika u n-newtralità klimatika tal-Ewropa, u sabiex l-Unjoni tibqa' kompetittiva globalment, il-Kunsill Ewropew:
- a) jappella biex b'urġenza jiżdiedu l-isforzi kollha fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri, sabiex iċ-ċittadini u n-negozji tal-UE jkunu protetti aħjar mill-ispejjeż għoljin tal-enerġija, biex tiġi żgurata l-provvista ta' enerġija affordabbli u nadifa u biex tinbena Unjoni tal-Enerġija ġenwina qabel l-2030, li ser tirrikjedi elettrifikazzjoni ambizzjuża bl-użu tas-soluzzjonijiet kollha b'emissjonijiet żero u baxxi tal-karbonju, u investiment fil-grilji, il-ħżin u l-interkonnessjonijiet fil-livell nazzjonali u tal-UE. Filwaqt li jfakkar fil-miri maqbula dwar l-enerġija, il-Kunsill Ewropew jappella għal ippjanar ta' investiment fit-tul transfruntier u għall-Unjoni kollha, bil-ħsieb li s-suq tal-enerġija tal-UE jiġi integrat u interkonness b'mod sħiħ, li jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-enerġija tal-Unjoni, u għall-protezzjoni u r-reżiljenza tal-infrastruttura; u
 - b) jilqa' f'dak il-kuntest il-preżentazzjoni mill-Kummissjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Enerġija Affordabbli fis-26 ta' Frar 2025, li jiddeskrivi miżuri kemm strutturali kif ukoll fuq terminu qasir, b'mod partikolari għaċ-ċittadini u n-negozji l-aktar affettwati, filwaqt li tiġi ppreservata l-integrità tas-Suq Uniku; u jħeġġeġ lill-Kummissjoni, lill-Kunsill, lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati rilevanti l-oħra kollha biex jibdew iwettqu dawn l-azzjonijiet fl-2025. Jappella biex l-isforzi li jippermettu provvisti addizzjonali tal-enerġija lejn l-Ewropa jiġu intensifikati, partikolarment biex jiżguraw is-sigurtà tal-provvista għall-Istati Membri kollha.

Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti

15. Meta jitqiesu l-isfidi għall-kompetittività tal-UE, huwa ta' importanza kbira li jinħolqu swieq kapitali Ewropej verament integrati u iktar profondi, billi b'urġenza tinkiseb l-Unjoni tas-Swieq Kapitali u titlesta l-Unjoni Bankarja. Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti ġenwina ser tgħin biex mijiet ta' biljuni ta' euro f'investiment addizzjonali jidħlu fl-ekonomija Ewropea kull sena, li jgħin biex tingħata spinta lill-kompetittività, l-awtonomija strateġika u s-sigurtà ekonomika tal-UE.
16. F'dan il-kuntest, u fid-dawl tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Marzu 2025, il-Kunsill Ewropew:
 - a) jistenna li l-koleġiżlaturi jaqblu malajr dwar il-proposti pendenti kollha mill-Pjan ta' Azzjoni għall-Bini ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali tal-2020, inkluż dwar l-insolvenza;
 - b) biex jiġu kkomplementati l-azzjonijiet fil-livell tal-UE, jisħaq fuq il-ħtieġa ta' azzjonijiet fil-livell nazzjonali sabiex iżidu d-daqs u l-profondità tas-swieq kapitali li jkunu aċċessibbli għaċ-ċittadini u n-negozji kollha madwar l-Unjoni;
 - c) bl-għan li jiġu estiżi l-opportunitajiet għaċ-ċittadini:
 - jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri biex javvanzaw fil-ħidma għal aktar parteċipazzjoni ta' investituri mhux professjonali fis-swieq kapitali, billi jagħmlu disponibbli possibbiltajiet Ewropej ta' investiment u tfaddil, inkluż possibbiltajiet aħjar għal prodotti ta' tfaddil u tal-pensjoni fuq skala tal-UE, abbażi tal-aħjar prattiki, biżżejjed żmien minn qabel biex ikunu jistgħu jittieħdu passi deċiżivi fl-2025; u
 - jistieden lill-Kummissjoni biex tipproponi malajr, fl-2025, titjib fil-prodott eżistenti tal-pensjoni personali fil-livell Ewropew;

- d) bl-għan li jiżdied il-finanzjament privat għan-negozji, jistieden lill-Kummissjoni biex:
- tressaq proposti biex tittejjeb l-ekosistema tal-ekwitajiet privati u tal-kapital ta' riskju u, f'konformità mal-kompetenzi rispettivi skont it-Trattati, tippromponi t-28 reġim fakultattiv tad-dritt tal-kumpaniji li jippermetti l-kumpaniji innovattivi jespandu, biżżejjed żmien minn qabel biex il-koleġislaturi jkunu jistgħu jieħdu passi deċiżivi sal-2026;
 - tippromponi malajr, fl-2025, qafas ta' titolizzazzjoni rivedut, inkluż aġġustamenti mmirati fil-qafas prudenzjali, filwaqt li tinżamm l-istabbiltà finanzjarja; u
 - iżżomm taħt kontroll il-kundizzjonijiet ekwi globali fis-settur bankarju u s-settur tal-assigurazzjoni u tiegħu miżuri xierqa;
- e) fir-rigward tat-titjib tal-konverġenza u l-effiċjenza tas-superviżjoni tas-swieq kapitali madwar l-UE kollha u t-tnaqqis tal-frammentazzjoni, jistieden lill-Kummissjoni, taħdem fejn rilevanti mal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u Ewropej, biex:
- tiżgura prattiki superviżorji konverġenti. Għal dan il-għan, huwa essenzjali li jitrawmu implimentazzjoni, interpretazzjoni, applikazzjoni u infurzar omoġenji tad-dritt tal-UE mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti;
 - tlesti l-valutazzjoni u l-ħidma fir-rigward tal-kundizzjonijiet li jippermettu lill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej jissorveljaw b'mod effettiv l-atturi transfruntieri l-aktar sistemiċi rilevanti tas-suq kapitali u finanzjarju, bl-għan li tissaħħaħ l-integrazzjoni finanzjarja u tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja, jiġi ssimplifikati l-proċessi u jitnaqqsu l-kostijiet tal-konformità, b'kont meħud tal-interessi tal-Istati Membri kollha, u, abbażi ta' dik il-valutazzjoni, tressaq proposta dwar is-superviżjoni, kif xieraq;

- tneħħi malajr l-ostakli għall-konsolidazzjoni tal-infrastruttura tas-suq immexxija mis-suq u għall-investment transfruntier; u
 - tissimplifika r-regoli eżistenti u telimina d-duplikazzjoni, tiċċara d-dispożizzjonijiet regolatorji u tnaqqas l-ispiża tal-konformità u r-rappurtar;
- f) jissottolinja l-importanza li jiġi mobilizzat il-finanzjament privat għall-industrija Ewropea tad-difiża u jistieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra li tagħmel aktar użu mill-programmi tal-UE, bħal pereżempju tibni fuq l-esperjenza tal-kompartiment tal-Istati Membri ta' InvestEU, filwaqt li tqis in-natura speċifika tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża ta' ċerti Stati Membri.

Suq Uniku, industrija u ħiliet

17. Dawn il-prijoritajiet tal-kompetittività ser ikunu appoġġati minn Strateġija għas-Suq Uniku orizzontali ambizzjuża ġdida, li għandha tiġi ppreżentata f'Ġunju 2025, li għandu jkollha l-għan li tapprofondixxi s-Suq Uniku billi tneħħi l-ostakli li fadal, b'mod partikolari fil-qasam tas-servizzi u l-prodotti essenzjali, tindirizza l-frammentazzjoni, u ttejjeb l-applikazzjoni u l-infurzar tar-regoli tas-Suq Uniku.

18. Il-Kunsill Ewropew jappella wkoll biex issir ħidma fuq il-linji speċifiċi li ġejjin mingħajr dewmien:
- a) abbażi tal-Patt għal Industrija Nadifa, il-Pjan ta' Azzjoni għas-Settur Awtomobilistiku tal-5 ta' Marzu 2025 u l-Pjan ta' Azzjoni għall-Azzar u l-Metalli tad-19 ta' Marzu 2025, li jirreferu għan-newtralità teknoloġika, jeħtieġ li tiżdied il-ħidma biex jiġu żgurati l-innovazzjoni, it-tiġdid u d-dekarbonizzazzjoni tal-industrija Ewropea u biex jiġi żgurat it-tkabbir tat-teknoloġiji ewlenin tal-futur, bħall-intelliġenza artifiċjali, it-teknoloġiji kwantistiċi, is-semikondutturi, il-5G/6G u teknoloġiji kritiċi oħra, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lill-industriji tradizzjonali fi tranżizzjoni, partikolarment l-industrija awtomobilistika, tat-trasport bil-baħar, tal-avjazzjoni u dawk intensivi fl-enerġija, u lill-ħtieġa li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi. Għal dan il-għan, jistieden lill-Kummissjoni biex mingħajr dewmien tressaq proposta mmirata għal flessibbiltajiet addizzjonali għall-istadju importanti tal-2025 skont ir-Regolament li jistabbilixxi l-istandards ta' rendiment għall-emissjonijiet tas-CO₂ għall-karozzi u l-vannijiet, u biex tavvanza fuq ir-rieżami previst f'dan ir-Regolament; u
 - b) wara l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Unjoni tal-Ħiliet tal-5 ta' Marzu 2025, għandhom isiru aktar sforzi biex jissaħħu l-akkwist, ir-rikonossiment u ż-żamma tal-ħiliet fl-UE kollha, mill-bini ta' ħiliet bażiċi għal impenn fit-tagħlim tul il-ħajja, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet, f'konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-Pjan ta' Azzjoni tiegħu.

Azzjonijiet oħra u t-triq 'il quddiem

19. Il-Kunsill Ewropew indirizza l-prijoritajiet għas-Semestru Ewropew 2025 u japprova r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro. Il-Kunsill Ewropew qies ukoll is-sitwazzjoni tal-impjiegi u soċjali fl-Unjoni Ewropea.

20. Il-Kunsill Ewropew jisħaq li, fil-futur, il-prijoritajiet u l-azzjonijiet kollha relatati mal-kompetittività msemija hawn fuq għandhom jaħdmu flimkien, b'mod li jsaħħu lil xulxin, flimkien mal-istrumenti rilevanti tal-UE, biex jappoġġaw ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-investment, il-konverġenza u l-koeżjoni, il-konnettività, id-diversifikazzjoni tal-kummerċ u s-sħubijiet ekonomiċi, it-tkabbir u r-reżiljenza ekonomika fl-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill Ewropew jibqa' jsegwi dawn il-kwistjonijiet kollha, u ser jivvaluta l-progress li jsir fil-kompetittività u t-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali fil-laqgħa tiegħu f'Ottubru 2025.

IV. DIFIŻA U SIGURTÀ EWROPEJ

21. B'segwitu għall-konklużjonijiet tiegħu tas-6 ta' Marzu 2025 u fid-dawl tal-White Paper dwar il-Futur tad-Difiża Ewropea tad-19 ta' Marzu 2025, il-Kunsill Ewropew jappella għal aċċellerazzjoni tal-ħidma fuq il-linji kollha biex tiżdied deċiżivament il-prontezza tal-Ewropa fir-rigward tad-difiża fil-ħames snin li ġejjin. Huwa jistieden lill-Kunsill u lill-koleġiżlaturi biex javvanzaw malajr il-ħidma fuq il-proposti reċenti tal-Kummissjoni. Il-Kunsill Ewropew jappella biex l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet identifikati fil-konklużjonijiet tiegħu tas-6 ta' Marzu 2025 fil-qasam tal-kapaċitajiet tibda b'urġenza u biex tkompli l-ħidma fuq il-possibbiltajiet ta' finanzjament rilevanti.
22. Il-Kunsill Ewropew ifakkar li Unjoni Ewropea aktar b'saħħitha u aktar kapaċi fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża ser tikkontribwixxi b'mod pożittiv għas-sigurtà globali u trans-Atlantika u hija komplementari għan-NATO, li tibqa', għal dawk l-Istati li huma membri tagħha, il-pedament tad-difiża kollettiva tagħhom.
23. Dan kollu huwa mingħajr preġudizzju għan-natura speċifika tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża ta' ċerti Stati Membri, u jqis l-interessi ta' sigurtà u ta' difiża tal-Istati Membri kollha, f'konformità mat-Trattati. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex jirrappurtaw regolarment dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tiegħu dwar id-difiża. Huwa ser jerġa' lura għal kull linja ta' ħidma fuq din il-kwistjoni fil-laqgħa tiegħu li jmiss.

V. IL-QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI LI JMISS U RIŻORSI PROPRJI ĠODDA

24. Il-Kunsill Ewropew kellu l-ewwel skambju ta' fehmiet dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss u dwar riżorsi proprji ġodda.

VI. MIGRAZZJONI

25. Il-Kunsill Ewropew evalwa l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tiegħu dwar il-migrazzjoni, inkluż fil-kuntest tal-ittra reċenti mill-President tal-Kummissjoni. Il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ aktar ħidma b'mod partikolari fuq: id-dimensjoni esterna, partikolarment permezz ta' sħubijiet komprensivi; l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni adottata tal-UE u l-applikazzjoni tal-leġislazzjoni eżistenti; il-prevenzjoni tal-migrazzjoni irregolari u l-ġlieda kontriha, inkluż permezz ta' modi ġodda f'konformità mad-dritt tal-UE u dak internazzjonali; sforzi biex jiġu ffaċilitati, jiżdiedu u jitħaffu r-ritorni, bl-użu tal-politiki, l-istrumenti u l-ġhodod rilevanti kollha tal-UE; il-kunċetti tal-pajjiżi terzi sikuri u l-pajjiżi ta' oriġini sikuri; il-ġlieda kontra l-istrumentalizzazzjoni, it-traffikar ta' bnedmin u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' bnedmin; l-allinjament tal-politika dwar il-viżi mill-pajjiżi ġirien; kif ukoll il-perkorsi sikuri u legali f'konformità mal-kompetenzi nazzjonali. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fid-determinazzjoni tal-UE li ssaħħa is-sigurtà fil-fruntieri esterni tagħha u tiżgura l-kontroll effettiv tagħhom, f'konformità mad-dritt tal-UE u dak internazzjonali.
26. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-koleġislaturi biex jagħmlu progress, bħala kwistjoni ta' prijetà, fuq il-fajls b'dimensjoni ta' migrazzjoni. B'mod partikolari, jistieden lill-koleġislaturi biex jeżaminaw malajr il-proposta reċenti tal-Kummissjoni dwar ir-ritorni.

VII. OĊĊANI

27. Fid-dawl tal-isfidi dinjija u ġeopolitiċi attwali, il-Kunsill Ewropew jisħaq fuq l-importanza strateġika tal-oċċani, ir-reżiljenza tal-ilma u l-ekonomija blu fit-tisħiħ tal-kompetittività u r-reżiljenza tal-UE, is-sigurtà marittima, u s-sostenibbiltà u l-protezzjoni ambjentali, fil-kuntest tal-kriżi planetarja tripla tat-tibdil fil-klima, it-tniġġis u t-telf tal-bijodiversità.
28. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tressaq Patt Ewropew għall-Oċċani ambizzjuż, olistiku u orjentat lejn il-futur, f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tal-UE u tal-Istati Membri, li ser irawwem oċċani u ibħra f'saħħithom, sigurtà tal-enerġija, sigurtà marittima, sigurtà tal-ikel, sajd sostenibbli u ekonomija blu sostenibbli u kompetittiva tal-UE, b'enfasi speċjali fuq il-komunitajiet kostali u tal-gżejjer, u jikkontribwixxi għall-għarfien dinji bbażat fuq ix-xjenza u għall-governanza responsabbli tal-oċċani.
29. Barra minn hekk, il-Kunsill Ewropew evalwa t-tnejniet għall-Konferenza tan-NU dwar l-Oċċani, li għandha ssir f'Nizza mid-9 sat-13 ta' Ġunju 2025, u appella għal aktar azzjoni u ambizzjoni globali, inkluż ratifika aċċellerata tal-Ftehim fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar fuq il-Konservazzjoni u fuq l-Użu Sostenibbli tal-Bijodiversità Marina fiż-Żoni lil hinn mill-Ġurisdizzjoni Nazzjonali (il-Ftehim BBNJ), biex il-protezzjoni u l-governanza tal-oċċani jimxu 'l quddiem fil-livell internazzjonali.

VIII. MULTILATERALIŻMU

30. L-Unjoni Ewropea dejjem irrispettat u ser tkompli tirrispetta l-Karta tan-NU u r-regoli u l-prinċipji li din tħaddan, b'mod partikolari dawk tas-sovranià u l-integrità territorjali, l-indipendenza politika u l-awtodeterminazzjoni. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-impenn sod tal-Unjoni għal multilateraliżmu effettiv u għall-ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli bin-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba tagħha.

31. L-Unjoni Ewropea ser tibqa' sieħeb prevedibbli, affidabbli u kredibbli u tilqa' l-opportunità li taħdem f'ambjent li dejjem qed jinbidel flimkien mas-sħab kollha tagħha, kif ukoll man-Nazzjonijiet Uniti u l-aġenziji tagħha biex tmexxi 'l quddiem il-proċess ta' riforma interna – l-inizjattiva UN80 – biex tiżgura li n-Nazzjonijiet Uniti tibqa' effettiva, kosteffiċjenti u reattiva.
32. L-Unjoni Ewropea hija impenjata lejn il-Patt għall-Futur, li huwa pass kruċjali favur ir-rivitalizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti, l-ilħuq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, u r-riforma tal-arkitettura finanzjarja internazzjonali. L-Unjoni Ewropea tinsab lesta li tikkoopera mal-partijiet ikkonċernati kollha biex tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tiegħu.
33. Il-Kunsill Ewropew jistenna bil-ħerqa r-Raba' Konferenza Internazzjonali dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp, li ser issir f'Sivilja mit-30 ta' Ġunju sat-3 ta' Lulju 2025, li ser tkun pass importanti biex jiġi stabbilit qafas globali mġedded ta' finanzjament għall-iżvilupp sostenibbli. Huwa jappella lill-istituzzjonijiet rilevanti tal-UE biex jaħdmu favur eżitu ambizzjuż, flimkien mal-Istati Membri.

IX. PUNTI OĦRA

34. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta s-sitwazzjoni fil-Balkani tal-Punent u jistieden lill-Kunsill biex jindirizza l-kwistjoni f'April 2025.